MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 73/2010

**Angela Buttigieg**

**Vs**

**Dominic Formosa**

Il-Qorti,

Illi permezz tar-rikors guramentat l-attrici ppremettiet:-

1. Illi fit-tlettax (13) ta’ Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) waqt illi l-attrici Angela Buttigieg kienet qed titkellem ma’ ohtha Mary Jane Formosa, gewwa Triq Guze Ellul Mercer, Rabat, Ghawdex, hija giet aggredita mill-konvenut.

2. Illi konsegwenza ta’ din l-aggressjoni subita minnha, l-istess Angela Buttigieg sofriet griehi konsiderevoli fi griehi ta’ natura gravi.

3. Illi minhabba dan l-incident, Angela Buttigieg sofriet danni u cioe’ kemm lucrum cessans, kif ukoll damnum emergens.

4. Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kawzati minn dan l-incident permezz ta’ ittra ufficjali tat-tlettax (13) ta’ Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) (Ittra ufficjali numru 477/2009), huwa baqa’ inadempjenti.

5. Illi kien minhabba f’hekk illi hija kellha taghmel din il-procedura.

6. Illi l-attrici taf b’dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta’ l-aggressjoni subita mill-attrici fid-data fuq imsemmija;

2. tiddikjara li l-attrici sofriet danni konsegwenti ghal din l-aggressjoni;

3. tillikwida d-danni li sofriet l-istess attrici per konsegwenza ta’ l-istess aggressjoni, liema danni jikkonsistu kemm f’damnum emergens kif ukoll lucrum cessans u dana anke permezz ta’ periti nominandi, jekk il-Qorti jidhrilha li hu l-kaz;

4. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ipejjez inkluzi dik ta’ l-ittra ufficjali tat-tlettax (13) ta’ Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u bl-imghax kontra l-konvenut li huwa minn issa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut fir-risposta guramentata tieghu eccepixxa hekk:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghall-allegati griehi li l-istess attrici ssostni li garrbet fl-

incident tat-13 ta’ Awwissu 2008 fi Triq Guze Ellul Mercer, Victoria Ghawdex;

2. Illi kienet l-istess attrici li nstigat din it-tilwima u messha kienet taf ferm tajjeb li ma kellha l-ebda dritt li tmur hija flimkien ma’ uliedha u tidhol god-dar tal-konvenut u tinstiga glieda f’mument meta l-konvenut u martu ma kellhomx mohhha ghaliex kienu mghobbijin b’inkwiet iehor;

3. Illi m’huwa minnu xejn illi l-konvenut aggredixxa b’xi mod lill-attrici. Il-konvenut Dominic Formosa la hareg mir-rixtellu ‘l barra fit-triq u bl-ebda mod ma aggredixxa jew b’xi mod iehor ikkawza xi griehi lill-istess attrici, kif jigi pruvat dettaljament waqt is-smigh tal-kawza;

4. Illi lanqas m’huwa minnu xejn li l-attrici sofriet debilitazzjoni kawza tal-incident in kwistjoni. Biex minghalija tirbah id-danni vvintat li hija ghandha debilitazzjoni u dana meta hija ma kienet soffriet l-ebda debilita’. Fil-fatt illum hija timxi normali u gejja u sejra mill-esteru.

Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 508/2009 fl-ismijiet Domenic Formosa vs Angela Buttigieg datata 22 ta’ Lulju 2009.

Rat ir-rapport tal-Espert Mediku Mr Charles Grixti nominat minn din il-Qorti fid-digriet taghha tas-17 ta’ Settembru 2010.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Rat li din il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li fit-13 ta' Awwissu 2008 hija sofriet dizabilita' permanenti u dan kawza ta' l-aggressjoni subita minnha mill-konvenut.

Illi l-ewwel punt li jrid jigi deciz huwa jekk l-istess dizabbilita' permanenti gietx ikkawzata mill-konvenut u dan l-oneru ta' prova jispetta fuq l-attrici u dan peress li min jallega ghandu l-piz tal-prova. Illi hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Debono et vs Concetta Scerri et**[1] il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*). Fl-istess sentenza l-Qorti kompliet hekk:-

*Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **"Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).*

Illi mill-provi jirrizulta li l-incident sehh fit-13 ta' Awwissu 2008. Dakinhar l-attrici kellha 68 sena. Hija kienet qeghdha Ghawdex fuq vaganza peress li kienet tghix fl-esteru izda kienet qeghdha tahseb biex tirritorna toqghod Ghawdex.

---

[1] Rik Nru: 571/2008JZM deciza fit-30 ta' Settembru, 2010

Illi l-versjoni ta’ l-attrici hija li dakinhar marret id-dar ta’ ohtha Mary Jane Formosa gewwa r-Rabat, Ghawdex biex tkellimha fuq xi wirt. Kienet waslitha bintha Rosie Buttigieg bil-karozza u maghhom kien hemm ukoll binha Saviour Buttigieg li ma xehedx f’dawn il-proceduri. L-attrici spjegat li bintha pparkjat il-karozza ‘l boghod mid-dar u qaghdet tistenniha fejn il-karozza.  L-attrici xehdet li hija talbet lil ohtha Mary Jane Formosa jekk kinitx lesta tohrog parti mill-flus rapprezentanti spejjez li l-istess attrici kienet harget f’isem l-ahwa kollha. Il-konversazzjoni ma’ ohtha kienet wahda civili u ma kienux qeghdin jargumentaw. Izda mbaghad tfacca Dominic Formosa u beda jghajjat maghha u ma’ ohtha.  Hija tiddeskrivi dak li gara hekk:

*‘Jien iddejjaqt u ghalhekk hrigt ‘il barra u mxejt barra mir-rixtellu tad-dar tal-konvenut ghal fuq il-bankina. Jien bqajt fuq il-bankina mentri Duminku u martu baqghu hergin warajja u qaghdu fejn ir-rixtellu. F’dak il-hin rajt lil binti Rosie gejja ghal fejni, peress li semghet l-istrobju li kienet qed jaghmel Duminku mieghu. Rosie talbitni biex immorru izda f’dak il-hin, Mary Jane Formosa qabdet tghajjar u tfajjar idejha lejn Rosie. Naf li Rosie laqtet daqqa ta’ harta go wiccha. Imbaghad Duminku Formosa qabad u hareg ghal gol-bankina fid-direzzjoni tieghi. Meta wasal hdejja, huwa mbuttani minfejn kont jien fuq il-bankina. Huwa mbuttani minn sidri u jien in fatti waqajt ghal got-triq kagun ta’ din l-imbottatura. Jien gejt fuq dahri ghal rasi; weggajt saqajja; dahri kif ukoll idi l-leminija’.*

Illi in kontro-ezami[2] l-attrici xehdet li meta kienet qed titkellem ma’ ohtha hija ma dahlitx gewwa d-dar. Hija kienet qed titkellem taht l-arkata li tidher fir-ritratt Dok VG1[3]. Hija qalet li meta mbuttaha hija kienet fit-tarf  tal-arkata u meta l-konvenut imbuttaha hija spiccat fit-triq u mhux fuq il-bankina. Hija cahdet l-allegazzjonijiet li hija refghet idejha fuq xi hadd jew hebbet ghal xi hadd.

Illi bint l-attrici Rosie Buttigieg tikkonferma li dakinhar ta’ l-incident hija wasslet lil ommha ghand ohtha Mary Jane

---

[2] A fol 62 tal-process
[3] A fol 66 tal-process

Formosa u li hija baqghet tistenna lil ommha barra hdejn il-karozza. Hija xehdet li wara xi hin semghet ghajjat u ghalhekk ressqet lejn id-dar ta' zijitha. Rat lil ommha hierga mid-dar ta' zijitha ghal fuq il-bankina. Iz-zijiet taghha kienu qed jargumentaw ma' ommha partikolarment il-konvenut. Hija marret hdejn ommha u qaltilha li jkun ahjar jekk jitilqu. Hekk kif waslet hdejn ommha zijitha bdiet tghajjat maghha u tatha daqqa ta' harta. F'daqqa wahda xehdet li rat lill-konvenut *'rush out from the verandah of the house unto the 'bankina'. He went directly towards my mother and pushed her from her chest. My mother fell unto her back and fell into the street'.*

Illi in kontro-ezami[4] Rosie Buttigieg spjegat li meta hija marret biex tara x'gara ommha kienet fuq il-bankina. Zijitha kienet fil-parapett tad-dar taghha. Xehdet li l-konvenut hareg barra u mbotta lil ommha fl-art.

Illi Domenic Formosa[5] xehed *viva voce.* Fix-xhieda tieghu huwa sostna li l-attrici ilha aktar minn tletin sena ma tahmlux u dan fuq kwistjonijiet relatati mal-passat. Dakinhar ta' l-incident huwa qal li kien id-dar. Sema' diskors u resaq lejn l-entrata u sab lil martu bil-qeghda u lil ohtha quddiemha. Huwa jiftakar li l-attrici kienet qed titlob lil martu ghal xi flus rapprezentanti spejjez li hija ghamlet in konnessjoni ma' registrazzjoni ta' raba'. Martu qaltilha biex titlaq peress li ma kellhiex mohh dakinhar ghaliex kellhom x'inkwiet familjari. Huwa ntervjena u qalilha biex titlaq. Martu kienet il-hin kollu hdejh. L-attrici harget bil-kwiet u huwa baqa' hiereg warajha. Ghalaq ir-rixtellu bil-bieba l-ohra u sa dak il-hin ma kienx hemm inkwiet. Kif ghalaq ir-rixtellu ra lil Rosie Buttigieg li bdiet tghajjat u tghidlu li huwa m'ghandux x'jaqsam mal-wirt. Xehed li Rosie bdiet tifferocja u bdiet tielgha u niezla mill-bankina u ttir ghalih u huwa beda jersaq lura ghax bdiet tmur ghalih. Kompla hekk:

*'ghamilna xi hames (5) minuti, u kien f'dan ix-xenarju illi hi laqtet lil ommha u waqghet fl-art. Jiena lil Angela Buttigieg*

[4] A fol 83 tal-process

[5] A fol 127 et seq tal-process

*ma missejthiex; ma erfajtx idejja fuqha. Lanqas marti ma messitha. Lil Angela Buttigieg ma rajthiex taqa' pero' fl-art rajtha. Sibtha hemmhekk. It-tifla taghha kienet qeghdha ddur, niddeskriviha bhala zugraga, tielgha u niezla mill-bankina. Waqghet f'hakka t'ghajn. Jiena ma nafx ghalfejn waqghet Angela Buttigieg. Forsi waqghet ghax saqajha ma felhux jew qabadha hass hazin'.*

In kontro-ezami xehed li Angela Buttigieg m'ghajtitx mieghu u ma kellmitux bin-nervi. L-argument kien ma' Rosie Buttigieg u Angela ma kinitx involuta fih. Huwa baqa' jichad li refa' jdejh fuq l-attrici.

Illi martu Mary Jane Formosa bazikament ikkonfermat dak li qal zewgha. Cahdet li zewgha mess lil ohtha u qalet ukoll li Rosie bdiet thebb ghal zewgha. Hija xehdet li bejn id-depression u d-dwejjaq li kellha gholliet idejha u laqtet lil Rosie f'wiccha. Ohtha baqghet fuq saqajha. Imbaghad li tiftakar huwa li rat lil ohtha ma' l-art.

Illi m'hemmx dubju li l-incident mertu ta' dina l-kawza nqala' minhabba disgwid li nqala' bejn zewg familji fuq il-wirt tal-genituri. Irrizulta li l-attrici marret tkellem lil ohtha Mary Jane Formosa, mart il-konvenut. Kienet bintha Rosie Buttigieg li waslitha bil-karozza. Bintha Rose Buttigieg u binha Saviour baqghu jistennewha ftit 'il boghod fil-karozza. Irrizulta li f'mument minnhom inqala' argument tant illi kien hemm xi ghajjat u storbju. Hekk kif Rosie Buttigieg semghet l-ghajjat hija resqet vicin ir-residenza taz-zijiet taghha sabiex tara x'kien qed jigri. Meta rat li kien hemm argument ghaddej hija qalet lil ommha biex jitilqu minn hemm.  Il-partijiet jaghtu versjoni differenti ta' kif graw il-fatti izda l-Qorti abbazi tar-rizultanzi processwali hija tal-fehma li l-versjoni moghtija mill-konvenut mhiex verosimili.

Il-Qorti hija konvinta li kien hemm argument shun bejn l-attrici, ohtha, il-konvenut u eventwalment ukoll dahlet f'dan l-argument Rosie Buttigieg. Il-partijiet kollha xehdu li Angela Buttigieg kienet qed titkellem b'mod civili ma' ohtha. Il-problemi bdew meta tfacca l-konvenut. Huma bdew jargumentaw bejniethom, jghajtu u qajmu storbju

shih. Zgur li kien hemm kommozzjoni kbira. Kien ghalhekk li Rosie Buttigieg avvicinat ruhha lejn id-dar ghax semghet l-istorbju. M'hemmx dubju li hija nterveniet ukoll fl-argument izda l-qorti ma temminx li kienet hija li nstigat l-istess argument meta hija ghall- ammont ta' hin lanqas biss kienet prezenti izda kienet fejn il-karozza li kienet ipparkjata ftit 'il boghod. F'hin minnhom Mary Jane Formosa tat daqqa ta' harta fuq wicc Rosie Buttigieg filwaqt li l-konvenut imbotta lill-attrici li spiccat mal-art u b'konsegwenza ta' dan garrbet diversi griehi. Anki jekk il-konvenut isostni li huwa u martu baqghu wara r-rixtellu mir-ritratti jirrizulta li xorta wahda Angela setghet tintlahaq ghax id-distanzi huma zghar. Lanqas ma jista' jitwemmen il-konvenut u martu meta jghidu li ma jafux kif l-attrici spiccat ma' l-art meta dawn kienu ftit 'il boghod minnha u addirittura l-konvenut isostni li laqtitha bintha stess. Ibda biex kemm il-konvenut kif ukoll martu xehdu li huma hargu wara l-attrici meta hija harget 'il barra. Infatti fix-xhieda tieghu qal li *Waqqhet f'hakka t'ghajn. Jiena ma nafx ghalfejn waqqhet Angela Buttigieg. Forsi waqqhet ghax saqajha ma felhux jew qabadha hass hazin.* Kwindi fl-istess xhieda l-konvenut filli jghid li ma jafx kif waqqhet filli jsostni li kienet bintha stess li laqtitha.

Illi l-konvenut eccepixxa li kienet l-attrici li pprovokat dan l-incident. Mir-rizultanzi processwali tali eccezzjoni ma gietx sufragata. Infatti kien il-konvenut innifsu u anki martu li xehdu li Angela Buttigieg ma kinitx qeghdha targumenta ma' ohtha u l-konversazzjoni ta' bejniethom kienet wahda civili. L-istess konvenut xehed hekk[6]:

*'Ghidtilha lil Angela, 'Il-wirt tieghek ma hadtux?' U hi wegbitni, 'Le'. Ghidtilha, 'Allura ghalfejn ghadek qed tistenna sal-lum biex tiehdu?'. Jien ghidtilha, 'Ismaghni. Mur ghal xogholok!'. U Angela harget bil-kwiet 'il barra mid-dar, u marret fit-triq. Jien bqajt hiereg wara Angela. Bqajt hiereg warajha biex hi tohrog bil-kwiet 'il barra. Jiena ghalaqt ir-rixtellu bil-bieba l-ohra; sa dan il-hin ma kien hemm l-ebda glied, lanqas tghajjir'.*

---

[6] A fol 128 tal-process

Mary Jane Formosa xehdet hekk[7] *'Ergajt ghidtilha, 'Hu pacenzja u mur'. Niftakar illi hareg, f'hin minnhom hareg zewgi fl-entrata, forsi messha ftit fuq spallejha u qalilha, 'Hu pacenzja, mur illum, ghax ghandna l-inkwiet.' 'Angela harget bil-kwiet 'il barra mid-dar taghna'.*

Ghaldaqstant apparti l-fatt li l-attrici tichad li hija pprovokat il-glieda, in verita' mix-xhieda moghtija mill-konvenut u minn martu jirrizulta proprju l-kuntrarju. Angela Buttigieg marret ghandhom biex titkellem ma' ohtha fuq il-wirt u biex tistaqsiha jekk kinitx disposta thallas sehemha mill-ispejjez. Tkellmet maghha bil-kwiet u kien wara li l-konvenut dahal fil-konversazzjoni li jidher li l-atmosfera nbidlet. Infatti l-istess Mary Jane Formosa tixhed[8] in kontro-ezami li *'zewgi ghandu lehnu gholi pero' ma kienx qieghed jghajjat ma' ohti'.* Il-Qorti hija konvinta li fil-fatt il-konvenut beda jghajjat u hekk kif Angela Buttigieg bdiet hierga ladarba kienet hierga bil-kwiet il-konvenut ma kellux ghalfejn jimxi warajha hlief biex ikompli jghid tieghu.

Illi bhala kawza ta' dan l-incident l-attrici ssostni li hija sofriet diversi griehi. Xehdet li hekk kif sehh l-incident bintha haditha l-Isptar Generali ta' Ghawdex fejn hadu l-Xrays u ghamlulha l-gibs f'idejha. Apparti dan l-attrici kellha ugiegh iehor f'daharha u f'saqajha x-xellugija tant li kellha tuza l-bastun sabiex timxi.

Illi l-konvenut min-naha tieghu ressaq xhieda li xehdu fis-sens li lill-attrici rawha wara l-incident timxi minghajr bastun u nfatti esebixxa wkoll ritratti sabiex jipprova tali affermazzjoni.

Illi mill-atti processwali rrizulta li meta l-attrici giet imbuttata mill-konvenut hija spiccat fit-triq u giet fuq daharha. Jirrizulta mic-certifikat mediku ezebit li hija sofriet griehi[9]. Inoltre' Dr Nathalie Gatt Ellis[10] xehdet li

[7] A fol 131 tal-process

[8] A fol132 tal-process

[9] Certifikat mediku datat 13 ta' Awwissu 2008 rilaxxat minn Dr Vella, Dok Y u Y 1 a fol 10 u 11 tal-process

[10] Xehdet in rapprezentanza tas-Supretendent tal-Isptar Generali ta' Ghawdex a fol 53 u 54 tal-process

meta l-attrici ddahlet l-isptar fit-13 ta' Awwissu 2008 l-ilment taghha meta dahlet fil-casualty kien illi kellha ugiegh fl-ghaksa l-leminija u fil-polz tal-lemin. Mill-Xrays li ttihdulha rrizulta li kellha ksur fil-polz u sarilha l-gibs. Fl-ghaksa ma kellhiex ksur. Hemm notament ukoll illi fl-Xray tal-isptar li ttehdilha dakinhar li kellha ksur fir-rukkell numru 'L 2', Lumbar two (2). Fis-16 ta' Awwissu 2008 raha l-orthoepadic surgeon fl-Isptar.

Illi fir-rapport tieghu l-Perit Mediku Mr Charles Grixti[11] ikkonkluda hekk:

*'Angela Buttigieg sofriet ksur fil-polz tax-xellug meta giet imbuttatha lura fit-13 ta' Awwissu 2008. Il-ksur ghaqad u Buttigieg irkuprat il-muvimenti mehtiega fil-polz tax-xellug.*

*L-ugiegh li thoss fil-polz u fil-kesha huwa accettabbli fis-sens li wara ksur kundizzjoni ta' umdita' w kasha jikkagunaw ugiegh.*

*It-tghaffig ta' l-irkiekel fis-sinsla hawn fuq imsemmija setghu gew ikkagunati minn xi waqa' peress li s-sinsla hija osteoporotika.*

*Din il-hsara fis-sinsla hija kagun ta' l-ugiegh li ghandha meta ssaqqi l-pjanti w meta titbaxxa.*

*Minhabba dan jien nistma' d-dizabilita' permanenti li qed issofri Angela Buttigieg kagun ta' l-accident li kellha fit-13 ta' Awwissu 2008 ta' 8% (tmienja fil-mija)'.*

Illi in eskussjoni Mr Grixti xehed li l-Xrays ta' daharha hadithom maghha l-attrici u kienu ttiehdu l-Italja u jirrisalu ghal seba' xhur wara l-incident. Bhala persentagg ghall-ksur tal-polz taha 3% u ghall-ksur tal-irkiekel tal-ispina taha 5%. L-espert mediku xehed ukoll li *'Pero' jien meta ezaminajtha u sibt dawn l-affarijiet ma nistax nghid li dak il-fracture tal-ispine, tas-sinsla hu bilfors ikkagunat minn injury bhal din ghax peress li kien hemm l-osteoporosi rrid nghid lill-Qorti li jista' jkun kagun iehor li kkagunaha'.*

[11] A fol 102 et seq tal-process

Madankollu fir-rapport tieghu spjega li t-tghaffig fl-irkiekel fl-ispina seta' gie kkagunat minn waqgha. Ta' l-istess opinjoni kien Mr Raymond Aquilina[12].

Illi tenut kont tad-dinamika ta' l-incident u tenut kont li rrizulta li Angela Buttigieg giet proprju fuq daharha meta waqghet din il-Qorti tqis li hemm probabilita' qawwija li l-frattura fl-ispina giet ukoll kagunata mill-waqa'. Il-Qorti ssahhah il-fehma taghha wkoll minn dak li xehed Dottor Joseph Farrugia[13], wara li ezamina l-file mediku ta' l-attrici, li kkonferma dak li xehdet Dr Gatt Ellis u qal ukoll li ma kien hemm ebda notamenti dwar xi griehi jew problemi li seta' kellha qabel il-pazjenta f'daharha, f'saqajha u f'idejha. Dan almenu fil-file mediku ta' l-isptar taghha. Il-konvenut esebixxa ittra sabiex jipprova li l-attrici kienet timxi bil-bastun minn qabel l-incident. Din l-ittra fl-ewwel lok ma gietx ikkonfermata bil-gurament. Inoltre' m'hemm l-ebda prova ohra f'dan is-sens fl-atti tal-kawza. In kontro-ezami kkonferma li l-ksur jista' jkun sehh jew minhabba l-osteoporozi jew ukoll minhabba illi l-persuna jkun waqa'. Huwa kkonferma li minhabba l-osteoporozi jekk persuna taqa' u twegga' jista' jkollha ksur fl-ghadam.

Illi f'dan is-sens din il-Qorti thoss li l-atti processwali jindikaw li kien l-agir tal-konvenut li kkawza dannu fuq il-persuna tal-attrici u fl-istess sens jirrizulta ppruvat mill-attrici stess li l-konvenut biss ghandu jinzamm responsabbli ghall-istess. Fuq kollox il-provi kollha l-ohra juru li kien il-konvenut li mbotta lill-istess attrici li spiccat waqghet fl-art fuq daharha u dan huwa kompatibbli wkoll max-xhieda tal-persuni medici u wkoll l-espert mediku li gie mqabbad mill-Qorti, fejn jirrizulta li l-hsara li sofriet l-istess attrici f'idejha u f'daharha hija kompatibbli ma' dak allegat minnha f'din il-kawza.

Illi l-argument li l-attrici ma tuzax il-bastun u gejja w sejra fl-esteru m'ghandu l-ebda rilevanza f'dan il-kaz. Dan ghaliex mill-ezami tal-espert mediku rrizulta li l-attrici sofriet dizabilita' permanenti. Il-Qorti tqis li m'ghandhiex

---

[12] A fol 96 tal-process

[13] Xhud tal-konvenut a fol 122 u 123 tal-process

tiddiskosta ruhu mill-evalwazzjoni maghmula mill-espert mediku, tenut ukoll kont tal-fatt li hadd mill-partijiet m'insista ghall-hatra ta' periti addizzjonali. Il-Perit mediku kellu a disposizzjoni tieghu l-atti processwali kollha kif ukoll ezamina lill-istess attrici.

Illi jehtieg issa illi l-Qorti tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attrici. Hekk kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Rita Farrugia et vs Carmelo Scicluna et**[14] *l-ligi tipprovdi li l-hsara li l-persuna misjuba responsabbli ghal incident trid twiegeb ghaliha hija dik tat-telf effettiv li l-ghamil taghha jkun gab direttament lill-parti mgarrba, l-ispejjez li l-parti mgarrba kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew ta' qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li l-persuna mgarrba tbati 'l quddiem. Fejn il-parti mgarrba titlef hajjitha fi jew minhabba dak l-ghamil, il-ligi taghti lill-werrieta dawk id-danni msemmija flimkien mat-telf u l-ispejjez attwali ikkagunati.*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez minfuqin mill-attrici ossija d-***damnum emergens*** hija qeghda tirreklama s-segwenti:

i) <u>l-ammonti ta' €466.20[15] u ta' €177[16]</u> rapprezentanti bdil minhabba biljetti ta' l-ajru taghha. Dan peress li l-attrici sostniet li hija u bintha kellhom titjira bbukkjata minn Malta ghal Ruma nhar is-17 ta' Awwissu 2008 u mbaghad kellha titjira ohra bbukkjata minn Ruma ghal Toronto, Kanada fid-19 ta' Awwissu 2010. Dawn it-titjiriet kellhom jigu lkoll posposti u ghalhekk kellhom jithallsu spejjez ghal tali bdil. Il-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet ma kellu xejn x'jikkummenta dwar tali ammont reklamat. Stante ghalhekk li gie ppruvat dawn l-ammonti huma dovuti.

ii) <u>L-ammonti ta' €366.50[17] u €225[18]</u> rapprezentanti spejjez minhabba tibdil f'biljetti ta' l-ajru ta'

---

[14] Cit Nru: 543/1998JRM deciza fil-31 ta' Mejju 2012
[15] Dok D a fol 16 tal-process
[16] Dok A a fol 17 tal-process
[17] Dok B a fol 18 tal-process
[18] Dok C a fol 19 tal-process

bintha. Fil-fehma tal-Qorti dawn id-danni sofriethom it-tifla u mhux l-attrici. L-attrici xehdet li hallset hija izda prova ta' tali hlas fl-atti ma ngabitx.

iii) L-ammont ta' €997.41[19] rapprezentanti xiri ta' biljett ta' ajru lil Rosie Buttigieg sabiex takkumpanjaha l-Kanada. L-attrici xehdet li minhabba l-kundizzjoni taghha hija kellha bzonn l-ghajnuna ta' bintha. Il-Qorti tqis li lanqas dan l-ammont m'ghandu jhallas il-konvenut. Ghalkemm m'hemmx dubju li l-attrici kienet ghadha qed tbati l-konsegwenzi ta' l-incident min-naha l-ohra l-Qorti mhix konvinta li kienet tant batuta li kellha bzonn l-assistenza ta' bintha u dan anki in vista tal-fatt li bintha ghamlet il-Kanada biss gimghatejn u l-attrici baqghet hemmhekk ghal xi xahrejn ohra.

iv) hlas li l-attrici tghid li ghamlet lil bintha ekwivalenti ghall-hlas ta' paga li tilfet biex ghenitha sakemm kienu l-Kanada. Hija ddikjarat[20] li hallset lil bintha l-ammont ta' €1,250 *'to pay for all expenses related to my injuries from September till October 2008'.* Minn tali dikjarazzjoni la jirrizulta li l-attrici hallset l-ammont mitlub minhabba li bintha tilfet il-paga u lanqas ma gew ezebiti xi ricevuti sabiex jippruvaw l-ispejjez allegatament inkorsi. Kwindi dan l-ammont ma giex sodisfacentement ippruvat.

v) L-ammont ta' €2,825 – l-attrici xehdet li hija hallset lil bintha Rosie ta' l-assistenza li ghamlet maghha minn zmien l-incident inkluz zmien li qattghet maghha l-Kanada sakemm irritornat lura lejn l-Italja fit-18 ta' Ottubru. Hija sostniet li bintha talbitha €50 l-gurnata meta kienet iddur biha l-gurnata kollha. Hija daret biha b'dan il-mod bejn it-13 ta' Awwissu 2008 u l-14 ta' Settembru 2008 u bejn l-4 ta' Ottubru 2008 sat-18 ta' Ottubru 2008. Imbaghad talbitha €25 meta bintha kienet tmur tahdem u ghalhekk kienet tiehu hsiebha wara li kienet tasal lura mix-xoghol. Dan sehh bejn il-15 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru 2008.

---

[19] Dok S2 a fol 20 tal-process

[20] Dok AB5 a fol 76 tal-process

Illi Rosie Buttigieg xehdet ukoll f'dan is-sens fl-affidavit taghha. Giet ezebita wkoll dikjarazzjoni min-naha ta' Rosie Buttigieg li rceviet l-ammont imsemmi[21]. In kontro-ezami Rosie Buttigieg pero' xehdet illi ma kinitx hija li talbet xi flus lil ommha izda kienet l-istess attrici li minn jeddha tatha dan l-ammont. Tant li qalet hekk *Jiena min-naha tieghi kieku ma tatnix il-flus ma kont ser nghid xejn.*[22]

Illi huwa l-obbligu tad-danneggat li jimminimizza d-danni u mhux il-kuntrarju. Dawn kienu flus li jekk verament thallsu nghataw lil bint l-attrici volontarjament ghax l-attrici rat li bintha kienet qeghdha taghmel maghha – madankollu kif jixraq li bint tghin lil ommha fil-mument tal-bzonn. Izda l-Qorti tifhem li l-attrici hassitha obbligata lejn bintha u dan se jittiehed in kunsiderazzjoni meta l-Qorti se tigi ghal-likwidazzjoni tad-danni.

Ghalhekk lanqas dan l-ammont mhu dovut.

vi) L-ammont ta' €475 – dan l-ammont jirreferi skont l-attrici ghall-hlas lil terza persuna ta' l-assistenza waqt li hija kienet l-Italja li ghamlet maghha bejn il-15 ta' Settembru 2008 u l-4 ta' Ottubru 2008 meta bintha kienet tmur ghax-xoghol. L-attrici ezebiet Dok AB4[23] li hija dikjarazzjoni mhux guramentata ta' certa Roxana. Apparti l-fatt li tali dokument ma giex mahluf, dan huwa f'lingwa strangiera aktarx Spanjol liema dokument la gie tradott ghall-Malti jew almenu ghall-Ingliz. Fi kwalunkwe kaz minn dak li l-Qorti setghet tikkonstata m'hemm l-ebda ammont indikat fl-istess dokument li thallas lill-istess Roxana. Kwindi dan l-ammont lanqas ma gie ppruvat.

vii) L-ammont ta' €182.05 – rapprezentanti hlas ghall- medikazzjoni u fizjoterapija. Bhala rcevuti gew ezebiti fl-ammont ta' €7.80, €9.25 u l-ammont ta' €165. Dawn l-ircevuti ma gewx ikkontestati mill-konvenut. Jinghad li d-dokument relatat mal-fizjoterapija mhux mahluf pero' tenut kont li l-ammont ma giex kontestat u

[21] Dok M a fol 21 tal-process
[22] A fol 82 tal-process
[23] A fol 75 tal-process

tenut ukoll kont li l-ammont huwa wiehed ragjonevoli u li l-attrici bil-griehi li sofriet necessarjament kellha bzonn fizjoterapija l-Qorti tqis li l-istess gie sodisfacentement ippruvat.

Ghalhekk bhala *damnum emergens* il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici l-ammont ta’ €825.25.

Illi bhala *lucrum cessans* jinghad li l-attrici kellha 68 sena dakinhar ta’ l-incident. Ma ngabitx prova tad-dhul taghha hlief li nghad li hija pensjonanta. Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Rosso vs Etienne Galea**[24] *f’dan ir-rigward jinghad lil-Qrati taghna ilhom zmien jaccettaw li mara mizzewga li ma kellhiex impieg jisthoqqilha tinghata kumpens ghall-griehi mgarrbin minnha f’incident dannuz, ghal dan il-fatt wahdu*[25]*. L-istess jinghad ghall-kaz fejn il-persuna mgarrba tkun qabzet l-eta’ tal-pensjoni*[26]*.*

Illi referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Guzeppi Grech et vs Emanuel Sultana et**[27] fejn gie ritenut is-segwenti:

*Il-gurisprudenza lokali mxiet fid-direzzjoni li tillikwida lucrum cessans anke fejn mill-provi jkun irrizulta li strettament id-danneggjat ma jkunx sofra telf ta’ paga jew qliegh attwali jew ghal quddiem*[28]*. Fil-kawza* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et*** *deciza fis-16 ta’ Marzu 2004, gie osservat: “Huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li kumpensa ghal dizabilita’ permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneggata ma titlef xejn mill-introjtu taghha – ara f’dan ir-rigward George Gatt vs Francis E. Carbone nomine*

---

[24] Per Imhallef Joseph R. Micallef deciza fit-3 ta’ April 2003

[25] Ara,per ezempju, **Carmelo Zammit et vs George Bezzina** App. Civ. 19.9.1973 fil-kawza fl-ismijiet u App. Civ. 16.1.1984 fil-kawza fl-ismijiet **Apap vs Degiorgio**

[26] Ara, per ezempju, P.A. NA 29.5.2001 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini vs George Wells et noe**; u P.A. GV 12.7.2002 fil-kawza fl-ismijiet **Saviour Sammut vs Robert Demanuele**

[27] Cit Nru: 42/2005AE deciza fl-24 ta’ Gunju 2008

[28] Ezempju klassiku hu l-kaz ta’ mara tad-dar fejn il-Qrati argumentaw li x-xoghol li taghmel fid-dar xorta ghandu jinghata valur ekonomiku ghal finijiet ta’ lucrum cessans u li ghandha tinghata kumpens ghall-griehi mgarrbin minnha f’incident dannuz.

*deciza minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u diversi sentenzi ohra in materja.”*.

*Sewwa qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili*[29] *fil-kawza* ***Susanne Davis et vs Anthony Galea*** *deciza fl-10 ta' Ottubru 1997 li “Il-maggior parti tas-sentenzi taghna invece* ***jistriehu biss fuq il-fatt ta' disabilita'*** *minghajr ma jsir ezami profond jekk dik id-dizabilita' hijiex verament sejra tikkaguna telf futur.”. Din hi r-realta', minkejja l-fatt li minn qari tal-provvediment jidher li din qeghda tirregola l-effett li hsara ghandha fuq qliegh attwali u tal-futur tad-danneggjat. F'dan il-kuntest l-istess Qorti fil-kawza* ***Joseph Caruana vs Joseph Gafa*** *deciza fid-29 ta' Mejju 1998 regghet ikkonfermat li: “Fl-izvilupp prezenti tal-gurisprudenza taghna huwa forsi necessarju li l-bzonn ta' certezza u*
*nuqqas ta' ambigwita' jimponu teorija li tezigi li kull tip ta' disabilita' permanenti twassal ghat-telf futur fil-proporzjon tal-persentagg taghha.”*[30] *Proposta li biha jigi rikonoxxut li d-danneggjat jigi kkumpensat irrispettivament dwar jekk fir-realta' l-hsara kellix effett fuq il-qligh attwali u tal-futur tad-danneggjat, u kollox ikun jiddependi mill-grad ta' inkapacita' li jkun sofra.*

L-istess Qorti ghamlet riferenza ghal numri ta' sentenzi li l-qorti tqies
li huma rilevanti u din il-Qorti wkoll se tirreferi ghalihom:-

(a) **Joseph Smith vs Peter Grech** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1995[31], iddanneggjat kellu 67 sena u minkejja l-griehi li sofra xorta *“…kien u baqa ser jircievi l-pensjoni bl-increments kollha taghha.”*. Madankollu l-Qorti llikwidat id-danni bil-metodu stabbilit fis-sentenza Butler vs Heard in kwantu skont il- Qorti, dik

[29] Per Imhallef Noel Arrigo

[30] Fil-kawza li diga' saret riferenza ghaliha fl-ismijiet **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et,** jinghad: *“Din il-Qorti lanqas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-grad baxx ta' dizabilita' ghandu jxejjen il-possibilita' li jigi akkordat kumpens u dan ghaliex il-grad ta' dizabilita' li jigi stabbilit permezz ta' esperti in materja qieghed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le dovut kumpens, izda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun.”.*

[31] per Imhallef Albert Magri

is-sentenza kienet tikkontempla *"danni future anke f'kaz li dawn, bhal fil-kaz in ezami, mhux ser jigu sofferti."*.

(b) **Francis Farrugia vs David Darmanin** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 2002[32]. Id-danneggjat ma kienx jahdem ghaliex kien gie *boarded out* u kien qieghed jircievi pensjoni ta' dizabilita. Il-qorti xorta ghaddiet biex tillikwida d-danni bhala *lucrum cessans*. Il-Qorti spjegat: *"Illi madanakollu huwa ghandu jigi kkumpensat tad-danni li sofra dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni rejali tieghu, fejn jidher li l-istess konvenut kien qata' mix-xoghol u anke qabel l-incident ma kienx f'posizzjoni li jahdem."*. Dan minkejja li gie certifikat li r-rata ta' debilita' kienet biss ta' 1% u ma kienitx effettwat il-qliegh futur tieghu. Il-qorti ghaddiet biex tillikwida d-danni fuq bazi ta' arbitrio *boni viri*.

(c) **Saviour Sammut et vs Robert Demanuele** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Lulju 2002[33]. F'dan il-kaz id-danneggjata kienet mara tad-dar u kellha 65 sena. Il-Qorti xorta ghaddiet biex tillikwida *lucrum cessans*.

(d) **Sylvia Rosso vs Etienne Galea** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[34] fit-3 ta' April 2003. Fil-jum ta' l-incident (6 ta' Gunju 2000) l-attrici kellha 65 sena. Il-Qorti osservat: *"Illi l-attrici wriet li, ghalkemm kienet armla, qabel l-incident kienet mara attiva li thobb il-hrug u z-zfin u kienet tivvjagga. Dawn l-attivitajiet naqsu sewwa wara l-incident…. Hija bir-ragun kollu tissottometti li bil-ligi jisthoqqilha tinghata kumpens ghall-griehi li garrbet, ukoll jekk qabel ma kinitx tahdem bi qligh, ghall-fatt li hija kienet mara tad-dar u kienet izzomm id-dar hi bil-hidma taghha. Minbarra dan, hija wriet li kienet tgawdi minn stat ta' sahha tajjeb qabel sehh l-incident u ghalhekk kienet mistennija tgawdi minn zmien ta' hajja attiva ghall-ghadd ta' snin ohrajn, li kieku ma kienx ghalih."*. Il-Qorti ghaddiet

[32] Per imhallef Raymond Pace
[33] Per Imhallef Geoffrey Valencia
[34] Per Imhallef Joseph R Micallef

biex tillikwida l-kumpens misthoqq lill-attrici taht it-titlu ta' *lucrum cessans*.

(e) **Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2007[35]. Fil-gurnata tal-incident l-attur kellu 73 sena u kien attiv hafna, jimxi fit-tul u jfendi ghal rasu. Wara l-incident kellu bzonn bastun, beda jsofri minn dipressjoni ghaliex ma setax ikompli jaghmel l-attivita' li kien jaghmel qabel. Il-Qorti ghaddiet biex tillikwida kumpens misthoqq lill-attur fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* taht it-titlu ta' *lucrum cessans*.

(f) **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004. Id-danneggjat kellu 74 sena u gie certifikat li qieghed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel qorti xorta ghaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rrizulta li bhala dhul kellu l-pensjoni u li l-incident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-qorti ggustifikat id-decizjoni li taghmel kalkolu tat-telf ta' qliegh futur minhabba *"l-ispejjez zejda li jkollu jaghmel minhabba d-dizabilta' tieghu dawn ifissru qliegh inqas ghalih…….".* Spejjez li mis-sentenza ma jirrizultax x'setghu kienu. Ghall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni ghalkemm l-attur kellu din l-eta' avvanzata, il-Qorti xorta ghamlet uzu mill-formola li normalment tintuza f'kazijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' *lucrum cessans* u addottat multiplier ta' ghaxar (10) snin. Il-Qorti ta' l-Appell irriduciet il-multiplier ghal tmien (8) snin peress li l-attur miet fil-kors tal-proceduri.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tghaddi biex tillikwida d-danni fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* wara li qieset fost affarijiet ohra l-eta' tad-danneggjata fid-data tal-incident (68 sena); li mid-data ta' l-incident ghaddew kwazi erba' (4) snin; it-tip ta' debilita' li qeghdha ssofri minnha; it-tip ta' hajja li kellha qabel l-incident u l-effett li dan l-incident kellu fuq il-hajja ta' kuljum b'mod li l-attrici xorta wahda baqghet indipendenti tant li hija baqghet tghix wahedha u ma jidhirx li ghandha bzonn l-ghajnuna ta' xi hadd b'mod kontinwu; li d-dhul principali taghha kienet il-pensjoni u ma

[35] Per Imhallef Geoffrey Valenzia

giex allegat li dan id-dhul b'xi mod gie affettwat; li l-attrici ma jirrizultax li kellha xi prospetti ta' xi xoghol u ghaldaqstant ser tiffissa s-somma ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2,300).

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta' l-aggressjoni subita mill-attrici fit-13 ta' Awwissu 2008

2. Tiddikjara li l-attrici sofriet danni konsegwenti ghal din l-aggressjoni;

3. Tillikwida d-danni li sofriet l-istess attrici per konsegwenza ta' l-istess aggressjoni, liema danni jikkonsistu kemm f'damnum emergens fl-ammont ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€825.25) kif ukoll lucrum cessans fl-ammont ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2,300), total ta' tlett elef mija hamsa u ghoxrin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3,125.25);

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' tliet elef mija hamsa u ghoxrin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3,125.25) in linea ta' danni hekk likwidati.

Bl-ipejjez inkluzi dik ta' l-ittra ufficjali tat-tlettax (13) ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u bl-imghax kontra l-konvenut dekoribbli mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------